Vetturi bil-Mutur: K3/2026

NR 207/2026 | It-Trasport | Data tal-Ħruġ: 13/11/2026

Aħbarijiet | Tabelli | Metodoloġija




Il-Punti ewlenin


- Matul it-tielet kwart tal-2026, l-istokk tal-vetturi bil-liċenzja żdied b'4,633 fuq it-tliet xhur ta' qabel. Fl-istess perjodu, l-istokk tal-vetturi bil-liċenzja żdied b'medja netta ta' 50 vettura kuljum.
- Il-bicċa l-kbira tal-vetturi b'liċenzja ġdida, 4,198 vetturi jew 58.0 fil-mija tat-total, kienu karozzi tal-passiġġieri; warajhom kien hemm il-muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika b'2,162 jew 29.9 fil-mija.
- Magni li jaħdmu bil-petrol kienu jgħoddu 57.9 fil-mija tat-total tal-istokk tal-vetturi bil-liċenzja. Warajhom, kien hemm magni li jaħdmu bid-diżil (33.2 fil-mija), u magni li jaħdmu bl-elettriku (4.1 fil-mija).
- Meta mqabblin mat-tliet xhur ta' qabel, kienu rreġistrati żidiet ta' 6.4 fil-mija, 5.9 fil-mija u 4.2 fil-mija fl-għadd ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, vetturi mild hybrid li jaħdmu bil-petrol u l-elettriku, u vetturi plug-in hybrid li jaħdmu bid-diżil u l-elettriku, rispettivament.

Il-Kummentarju

Fit-tielet kwart tal-2026, l-istokk tal-vetturi bil-mutur bil-liċenzja żdied b'4,633 fuq it-tliet xhur ta' qabel.

Fi tmiem Settembru 2026, l-istokk tal-vetturi Iliċenzjati kien ta' 468,367. Minn dan l-għadd, 72.9 fil-mija kienu karrozzi tal-passiġġieri, 14.2 fil-mija kienu vetturi kummerċjali jew agrikoli u 12.3 fil-mija kienu muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika, scooters li jaħdmu bl-elettriku, muturi b'erba' roti, u ATVs. Ix-xarabanks u l-minibuses ammontaw għal anqas minn wieħed fil-mija (Tabella nru 1). Fit-tliet xhur mitqiesa f'din l-istqarrija, l-istokk tal-vetturi Iliċenzjati żdied b'rata medja netta ta' 50 vettura kuljum (Ċart nru 2).






Nota: Iċ-ċifri murija fiċ-ċart ta' fuq huma maħduma bil-formula ta' nota nru 7 tal-metodoloġija. Dawn jistgħu jvarjaw xi ftit mit-tibdil miksub mill-formula murija f'nota nru 6 tal-metodoloġija minħabba d-dati tal-għeluq ta' databases differenti.

Vetturi li ngħataw liċenzja ġdida

Fil-perjodu ta' riferenza, 7,235 vettura ngħataw liċenzja ġdida. Il-maġġoranza tagħhom, 4,198 jew 58.0 fil-mija tat-total, kienu karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom ġew il-muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika b'2,162 jew 29.9 fil-mija. Il-vetturi 'ġodda' li ngħataw liċenzja ġdida laħqu l-4,395 jew 60.7 fil-mija tal-għadd sħiħ, mentri l-vetturi 'użati' li ngħataw liċenzja ġdida kienu jgħoddu 2,840 jew 39.3 fil-mija (Tabelli nri 2-4). Medja ta' 79 vettura ngħataw liċenzja ġdida kuljum fit-tielet kwart tal-2026 (Ċart nru 4).



Vetturi b'restrizzjoni

Tul it-tielet kwart tal-2026, kien hemm 5,550 vettura li tneħħew mit-triq minħabba xi restrizzjoni. Fosthom, 40.4 fil-mija kienu ggaraxxjati u 35.7 fil-mija kienu skrappjati. L-għadd ta' vetturi li kellhom ir-restrizzjonijiet imtemmin fl-istess żmien laħaq l-2,890. Il-bicċa l-kbira tagħhom kienu ggaraxxjati (58.6 fil-mija) jew inbiegħu mill-ġdid (40.8 fil-mija) (Tabelli nri 5-6).

Għamla ta' magna

Fl-aħħar ta' Settembru 2026, 271,231 jew 57.9 fil-mija tal-istokk tal-vetturi bil-liċenzja kienu jaħdmu b'magni petrol. Il-vetturi li jaħdmu b'magni diżil kienu jammontaw għal 155,393 jew 33.2 fil-mija tat-total. Vetturi li jaħdmu b'magni tal-elettriku u plug-in hybrid kienu jġibu 5.4 fil-mija tal-istokk kollu u kienu jgħoddu 25,220 vettura. Meta mqabblin mat-tliet xhur ta' qabel, żidiet ta' 6.4 fil-mija, 5.9 fil-mija u 4.2 fil-mija kienu rreġistrati fl-għadd ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, vetturi mild hybrid li jaħdmu bil-petrol u l-elettriku, u vetturi plug-in hybrid li jaħdmu bid-diżil u l-elettriku, rispettivament (Tabella nru 7).

It-Trasport

Stqarrijiet tal-Aħbarijiet Oħra

L-Aċċidenti tat-Traffiku: K3/2026

It-Trasport bil-Baħar bejn Malta u Għawdex: K3/2026

Vetturi bil-Mutur: K2/2026

L-Aċċidenti tat-Traffiku: K2/2026

It-Trasport bil-Baħar bejn Malta u Għawdex: K2/2026

Temi Oħra Relatati

L-Enerġija

Għal mistoqsijiet ikkuntattja:

regional.nso@gov.mt

Għal aktar data, jekk jogħġbok żur:

L-Indikaturi Magħżula